MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 117/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**Vs**
**Karl (Carmel) Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 90770(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Marzu 2002 gewwa l-Belt, Valletta, bil-hsieb li jaghmel hsara lil PC 3 Kevin Grima, akkuza lil PC 3 Kevin Grima quddiem awtorita` kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li PC 3 Kevin Grima kien innocenti u dan bi ksur tal-artikolu 101(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U aktar talli fid-9 ta' Mejju 2003 fi proceduri kriminali mehuda kontra tieghu ipproduca dokument flaz u dan bi ksur tal-artikolu 103 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe` fl-Awla Nru. 12 preseduta mill-

Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D halef fil-falz u dan bi ksur tal-artikoli 108(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar, 2012, li biha ma sabitux hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk illiberatu mill-istess.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza u minflok issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi kif ukoll ghamle apprezzament mhux ragonevoli tal-provi prodotti quddiemha b'mod li in bazi ghall-istess provi dik l-Onorabbli Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-liberazzjoni tal-imputat.

F'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkunsidrat illi rrizulta li ghalkemm verament l-imputat kien innega n-notifika tac-citazzjoni, b'insistenza taht gurament li kien imsiefer fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2002, huwa kine wara d-debiti verifiki xehed illi fil-fatt kien telaq minn Malta ghal Amerika fil-5 ta' Settembru. Illi ghalhekk, il-Qorti rriteniet li fil-fatt Azzopardi kien ikkorega l-ewwel verzjoni tieghu fejn kien allura giddeb lil PC 3 u ghalhekk il-Qorti hasset illi l-imputat, nonostante azzjonietu fil-bidu tal-proceduri, la darba rritratta u kkorega l-posizzjoni tieghu, m'ghandux

jinstab hati ta’ l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u ghalhekk illiberatu mill-istess.

Illi bid-dovut rispett l-Avukat Generali ma jaqbilx ma din il-motivazzjoni tas-sentenza suriferita u dan ghaliex qed jigi sottomess li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi u tal-gurisprudenza fuq id-duttrina tar-“retraction”, cioe` ir-ritrazzjoni tal-imputat mix-xiehda falza li huwa kien ta qabel, kif ukoll ghamlet apprezzament mhux ragonevli tal-provi prodotti quddiemha b’mod li in bazi ghall-istess provi dik l-Onorabbli Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-liberazzjoni tal-imputat.

Illi l-Qorti tal-Magistrati hasset li ladarba l-imputat kien rritratta u kkorega l-posizzjoni tieghu, huwa kellu jibbenefika minn din ir-ritrattazzjoni u li ghaldaqstant m’ghandux jinsab hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. Illi l-Avukat Generali bid-dovut rispett ma jaqbilx ma din il-konkluzjoni. Illi huwa pacifiku li d-duttrina ta’ “retraction” ghalkemm ma tirrizultax daqstant cara mill-Kodici Kriminali, tapplika minghajr ebda dubju u giet accettata mill-Qrati taghna f’kazijiet ta’ spergur. Illi pero` jigi umilment sottomess li l-imputat appellat ma jinsabx akkuzat bir-reat ta’ spergur izda bir-reati ta’ kalunnja, talli gab dokument falz fi proceduri quddiem il-Qorti, talli ha gurament falz quddiem Magistrat u talli ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu. Illi dawn ir-reati huma kontemplati taht l-artikolu 101(1), 103, 108(1) u 188 tal-Kodici Kriminali rispettivament.

Illi l-Qrati taghna rritenew diversi drabi li d-duttrina ta’ ritrattazzjoni tapplika biss ghar-rigward tar-reat ta’ spergur taht l-artikoli 104(1) u 105 tal-Kap. 9 u ma tapplikax ghar-rigward ir-reat ta’ gurament falz taht l-artikolu 108(1) tal-Kap. 9.

Illi r-reat kontemplat fl-artikolu 108(1) tal-Kodici Kriminali huwa dak ta’ gurament falz u jirreferi ghal kull min jahlef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi li jaghti gurament. Illi fil-kaz in

kwistjoni ta’ min jghid li indubjament bhala fatt jirrizulta li x-xiehda tal-imputat taht gurament fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2012 (vide fol 29) kienet wahda falza. Illi f’din is-seduta huwa ddikjara li fil-31 ta’ Awissu 2001 kemm hu kif ukoll martu kienu jinsabu l-Amerika u ghalhekk cahad dak kollu li qal PC 3, qal li c-cwievet tad-dar kien halliehom mal-kunjata tieghu u stqarr li hu dakinhar ma rceva l-ebda telefonata minn Malta. Illi fuq dan il-fatt ma ghandu jkun hemm l-ebda kontestazzjoni.

Illi jirrizulta wkoll car mill-provi li l-imputat appellat, bil-hsieb li jaghmel hsara lill-PC 3 Kevin Grima, akkuzah quddiem awtorita` kompetenti b’reat filwaqt li kien jaf li PC 3 kien innocenti u dan ai termini tal-artikolu 101(1). Illi l-appellat kien jaf li PC 3 kien xehed dwar dak li verament kien gara izda nonostante dan huwa ghazel li jichad b’insistenza dak kollu li qal PC 3 u ghaldaqstant jakkuza lil PC 3 Kevin Grima li ma kienx qed jghid il-verita` quddiem il-Qorti, waqt li huwa kien jaf li PC 3 Kevin Grima ma kellu l-ebda htija u nonostante dan b’insistenza gab sahansitra dokument falz biex igiddeb lil PC 3 Kevin Grima. Illi tali agir kien igib il-konsegwenza naturali li tigi kkawzata hsara lill-PC 3.

Illi in oltre r-reat kontemplat fl-artikolu 103 tal-Kodici Kriminali jissussisti meta persuna fi proceduri civili jew kriminali, igieghel li jsir jew xjentement iggib, dokument falz. Illi f’dan il-kaz, bhala fatt jirrizulta li l-imputat fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2002 fuq imsemmija (vide fol 29) prezenta dokument immarkat bhala Dok KA 1 (vide fol 24) in sostenn tax-xiehda tieghu. Illi indubjament allura dan huwa dokument falz u tant hu hekk li Manolita Chircop li kienet iffirmat dan l-istess dokument fix-xiehda taghha (a fol 74) tghid li hija kienet kitbet din l-ittra fuq l-istruzzjonijiet tal-imputat u li hija ghalkemm indikat dawk id-dati ma kellhiex xjenza proprja tal-kontenut tal-istess ghaliex meta kitbet dik l-ittra kienet ilha tahdem mal-imputat biss ghal madwar xahar.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat kellu jinstab hati wkoll tar-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex huwa ndubjament kien ta taghrif falz f’dokument li

kellu jigi prezentat il-Qorti u dan sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, ossia dak li jinsisti li ma kienx irceva n-notifika tac-citazzjoni sabiex jidher il-Qorti ghall-proceduri li kienu gew inizjati fil-konfront tieghu.

B’hekk il-liberazzjoni tal-imputat kienet, fl-umli fehma tal-esponent hija l-frott ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi u ta’ apprezzament zbaljat tal-provi migjuba.

Ikkonsidrat

Skont ix-xhud is-Supretendent Paul Camilleri, fid-9 ta’ Mejju, 2002, waqt seduta tal-VAT il-Maġistrat Dr Saviour Demicoli kien għamel digriet fejn ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga xhieda li kien ta PC3 Kevin Grima u dik li kien ta l-imputat.

Fl-4 ta’ Diċembru 2001 kienet ħarġet ċitazzjoni konta Karl Azzopardi. Karl Azzopardi ddikjara fil-Qorti bil-ġurament li qatt ma kien irċieva ċ-ċitazzjoni oriġinali. Fuq in-notice of service, datata 31 t’Awwissu 2002, PC3 Kevin Grima kien kiteb fuqha li kien taha lil Karl Azzopardi personalment.

Fid-9 ta’ Mejju 2002 PC3 deher il-Qorti u kkonferma bil-ġurament li kien mar id-dar ta’ Karl Azzopardi fejn kien qassam iċ-ċitazzjoni lill-mara ta’ Azzopardi. Karl Azzopardi stess kien qal lill-Puliziaj biex iħalli ċ-ċitazzjoni mal-mara tiegħu.

Fl-istess data msemmija fil-paragrafu ta’ qabel Karl Azzopardi bil-ġurament u nnega li fil-31 t’Awwissu 2001 huwa kien irċieva xi telefonata dwar dak id-dokument. Kien ukoll prreżenta fil-qorti ‘ċertifikat’ , li hu kien qal lill-iskrivana tiegħu biex tagħmillu, b’dikjarazzjoni minnu stess iffirmata mill-iskrivana li Karl Azzopardi kien imsiefer bejn il-25 t’Awwissu u -16 ta’ Settembru, 2001.

L-ispettur Kenneth Haber kien skopra wkoll li mhux veru li Karl Azzopardi fil-perjodu indikat kien imsiefer.

Fl-istqarrija Karl Azzopardi kien ammetta li ma kienx imsiefer f'dawk id-dati.

A fol 24 il-Qorti rat id-dokument datat 2 ta' Mejju 2002 li jgħid hekk:

'This is to confirm that Mr Karl Azzopardi (ID Number 90770(M)) had been assisting one of our groups in America from the 25th August till the 16th September 2001.'

Il-firma hija ta' Manolita Cutajar.

A fol 29 hemm fid-dettal il-verbal tas-seduta tad-9 ta'Mejju 2002 quddiem il-Maġistrat Dr Saviour Demicoli. Fil-verbal hemm x'kienu xehdu PC3, Karl Azzopardi (fejn ċaħad dak kollu li qal PV3 kif ukoll qal li fil-31 t'Awwissu 2001 hu u martu kienu l-Amerika).

A fol 31 hemm verbal ieħor tat-3 t'Ottubru, 2002 mill-atti tas-seduta tal-VAT fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Karl Azzopardi' fejn jingħad li xehed Karl Azzopardi u fix-xhieda tiegħu ddikjara minn verifiki li kien għamel li jirriżultalu li effettivament hu kien telaq minn Malta għall-Amerika fil-5 ta' Settembru 2001.

Kien xehed ukoll l-Ispettur Kenneth Haber li ddikjara li hu kien investiga dan il-każ u meta nterroga lill-PC3 dan baqa' jsostni l-verżjoni tiegħu mogħtija fis-seduta fid-9 ta' Mejju 2002.

Xehed ukoll PC3 Kevin Grima li spjega kif huwa kien mar fil-31 t'Awwissu 2001 biex iqassam referta ta' Karl Azzopardi u kienet kellmitu persuna minn fuq l-intercom. Huwa ddaħħal ġewwa, kellem lil Karl Azzopardi u dan tal-aħħar qallu biex iħallu ċ-ċitazzjoni ma' dik il-persuna femminili. (Din kienet il-mara ta' Karl Azzopardi). Filfatt huwa kien ħalla ċ-ċitazzjoni mal-mara tal-imputat u ma kienx taha lill-imputat.

Xehed l-Ispettur Kenenth Haber li kkonferma li mill-passaport ta' Karl Azzopardi kien jirriżulta li dan ma kienx

imsiefer fid-data in kwistjoni imqar jekk id-dokument iffirmat minn Manolita Cutajar kien jindika xort' oħra.

Xehdet Manolita Chircop nee Cutajar li kkonfermat li d-dokument a fol 24 kien iffirmat minnha. Hija kienet għamlet karta fuq struzzjonijiet tal-appellat. Fid-dati indikati hija ma kenitx taħdem f'din il-kumpanija.

Xehed ukoll Karl Azzopardi li qal li hu minn għalih kien imsiefer dik il-ħabta. Żied jgħid li kien żball min-naħa tiegħu (fol 90) għax kien minn għalih li kien imsiefer. Huwa nsista li fl-istess proċeduri kien spjega x'ġara. (fol 92 u 93).

Fil-kontro-eżami, huwa kkonferma li fid-9 ta'Mejju 2002 huwa kien ippreżenta dikjarazzjoni quddiem il-Maġistrat Dr Saviour Demicoli bil-miktub fejn saħħaħ dak li kien qal. Qabel ukoll li kien qabbad lis-siegretarju tiegħu biex tikteb l-ittra.

Iż-żewġ aggravji tal-Avukat Ġenerali jistgħu jkunu kkonsidrati flimkien.

L-ewwel aggravju huwa dwar l-interpretazzjoni żbaljata tal-Liġi dwar ir-retraction. Din ġiet aċċettata mill-Qrati Maltin fejn għandu x'jaqsam l-isperġur. Iżda, l-Avukat Ġenerali jikkontendi, li hawn mhux si tratta ta' sperġur iżda l-imputazzjonijiet huma dwar 'kalunja, talli ġab dokument falz fi proċeduri quddiem il-Qorti, talli ħa ġurament falz quddiem Maġistrat u talli għamel dikjarazzjoni falza.

Il-Qort tal-Maġistrati lliberat minħabba li l-appellat kien 'rritratta u kkoreġa l-pożizzjoni tiegħu' u għalhekk illibertu mill-akkużi kollha kontrih.

Imma l-każistika turi xort' oħra għaliex il-Qrati Maltin dejjem irritenew li d-duttrina tar-ritrattazzjoni tapplika għar-rigward biss tar-reat ta'sperġur taħt l-artikoli 104(1) u 105.

Meta l-appellat kien qed jixhed għal darba, tnejn u saħansitra ppreżenta dokument, dan ma kienx qed jagħmlu fil-kawża fejn kellu x;'jaqsam il-ħlas tal-VAT jew le jew kienx ikkonforma ruħu.

In-notifika kienet fiċ-ċentru ta' kollox – jekk saritx jew le. Hawn l-appellat kien qed jieħu ġurament quddiem Maġistrat u għalhekk jgħodd l-artikolu 10. Għal dan l-artikolu ma tapplikax ir-retraction kif jidher minn dan li ġej:

'5.Din it-teżi hija bbażata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet. L-artikolu 602(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili , magħmul applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, jiddisponi li l-Qorti tippermetti li xhud jagħmel xi żieda jew korrezzjoni fid-depożizzjoni tiegħu, u dan f'kull żmien qabel l-għeluq tas-smigħ tal-kawża. Minn din id-dispożizzjoni jsegwi li d-diversi partijiet ta' depożizzjoni jiffurmaw ħaġa waħda indiviżibbli, u li d-depożizzjoni ma tistax titqies kompleta ħlief meta s-smigħ tal-kawża jkun magħluq;

It-teorija premess pero' kjarament tirrieferixxi għat-testimonjanza falza prestata f'kawża u mhux għall-ġurament falz ikkontemplat fl-artikolu 108 (1) tal-Kap 9.'

Din il-Qorti ser timxi ma' din id-duttrina. Għarblet sew il-provi u ssib li kontra dak li qal l-appellat m'hemmx persuna waħda (ara l-artikolu 639(1) tal-Kap 9) iżda hemm ix-xhieda kemm ta' PC3 kif ukoll ta' Manolita Chircop nee Cutajar. Barra minn hekk hemm ix-xhieda tal-Ispettur Haber li rrefera għal dak li kien jirriżulta mill-passaport. Din il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-appellat għandu jinstab ħati ta' ġurament falz. (108(1)(a)) (it-tielet imputazzjoni).

Il-Qorti wkoll qed issib lill-appellat ħati għaliex ta tagħrif falz. Skont l-artikolu 188 tal-Kap 9, m'hemmx għalfejn id-dokument ikun falz. Skont dan l-artikolu huwa biżżejjed li wieħed jippreżenta dokument li jkolli tagħrif qarrieqi. Jiġifieri, hawn m;'hemmx bżonn li jinħoloq dokument falz (ex novo) jew li dokument ġenwin (bħal, per eżempju, xi ċertifikat tat-twelid ikollu xi dettalji mibdulin). Xejn minn

dan kollu. F'dan il-kaz huwa t-tagħrif li kien fih id-dokument li kien falz. L-appellat kien responsabbli għall-kontenut tiegħu. U għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni.

Dwar il-kalunja, apparti milli jerġa' japplika la-rtikolu 639(1) tal-Kap 9, l-artikolu 101 jibda bil-kliem ' Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara li xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti'

Mill-proċess jirriżulta li l-appellat stqarr li hu qatt ma kellu ħsieb li joħloq xi kalunja fuq PC3. Barra minn hekk l-appellat kien qed jikkontrasta l-verżjoni mogħtija minn PC3 iżda mhux jakkużah quddiem awtorita; kompetenti ukoll jekk PC3 kien mistħarreġ ukoll mill-istrutturi interni fi ħdan il-Pulizija esekuttiva. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li għandha tikkonferma l-liberazzjoni minn din l-imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni – ipproduċejt dokument falz bi ksur tal-artikolu 103 – id-dokuemnt falz kien prodott waqt li l-appellat kien qed jieħu ġurament falz. Il-proċeduri kontrih kienu dawk tal-VAT u dawk ta' llum. Ma jirriżultax li l-appellat ippreżenta xi dokument falz waqt il-proċeduri tal-VAT jew waqt il-proċeduri ta' llum.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 101(1), 103, 108(1)(a), 188 u 17(h) tal-Kap 9 qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi (Il-Pulizija versus Karl Azzopardi) fit-22 ta' Frar 2012 billi qed tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel u mit-tieni imputazzjonijiet iżda qed tirriformaha, tbiddilha u tħassarha fejn illiberatu mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni u minflok qed issibu ħati tagħhom bir-raba' imputazzjoni titqies bħala mezz għall-fini għat-tielet imputazzjoni u qed tikkundannah għal sena priġunerija li,

ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9, għandha tibqa' sospiża għal sentejn.
Il-Qorti spjegat x'ser ikunu l-konsegwenzi SERJI jekk l-appellat iwettaq xi reat matul is-sentejn li ġejjin.

Il-Qorti, b'applikazzjoni tal-artikolu 109(1)(2) tal-Kap 9 qed tordna l-interdizzjoni tal-appellat għal ħames snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------